# San Gejtanu u l-Kalzetta

F'artiklu ta' Tony Terribile li ġie ppubblikat fil-ktieb tal-festa tal-Knisja Parrokjali ta' Marija Bambina ġewwa l-Mellieħa fl-1996 dwar il-pittur bravu Malti Ġużeppi Calì, iltqajt ma' ftit tagħrif dwar inċident kurjuż li seħħ u li għandu konnessjonijiet mal-pittura ta' San Gejtanu ta' Calì li naraw fuq wieħed mill-altari ġol-Parroċċa tal-Mellieħa u t-Titular tal-Parroċċa tagħna.



**Il-kwadru ta' San Gejtanu ġewwa l-Mellieħa**

It-tagħrif mogħti minn Terribile jgħid:-

Fil-kwadru ta' San Gejtanu (tal-Mellieħa) naraw lil dan il-qaddis għarkobbtejh quddiem il-Madonna. Dan il-kwadru fih timbixa kif kien jaf jagħmel dan il-pittur.

Snin qabel l-isqof Gaetano Pace Forno ried ipitter il-kwadru titulari ta' San Gejtanu tal-Ħamrun. Calì xtaq ferm ipitter dan il-kwadru, iżda minflok, l-Isqof Pace Forno qabbad lil Pietro Gagliardi, wieħed mir-rivali ta' Calì. Għal dan l-att, Calì iddispjaċih u meta pitter dan il-kwadru ta' dan il-qaddis għall-parroċċa tal-Mellieħa, għamillu l-kalzetta mqatta' bħala botta lill-Isqof Pace Forno. Kienet praspura li Calì kien tant magħruf għalihom.

**Anselm Sciberras**